




Aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Kunsill: Rapport tal-2016

Aktar minn 350 000 dokument huma elenkati fir-reġistru tal-Kunsill, u aktar minn 70% minn dawn huma publiċi u jistgħu jitnizzu mingħajr ħlas. Dak hu wieħed mill-punti ewlenin fir-rapport tal-Kunsill tal-2016 dwar l-aċċess għad-dokumenti li għie approvat mill-Kunsill fit-22 ta' Mejju 2017.

Matul l-2016, ġew miżjuda 22 671 dokument fir-reġistru, li 71% minnhom, jew 16 181 dokument, huma publiċi. Ir-reġistru pubbliku tal-Kunsill għie kkonsultat madwar 380 000 darba u ġibed 9% tat-traffiku fuq is-sit web tal-Kunsill.

Biex jingħata aċċess għal dokument fir-reġistru tal-Kunsill li ma jkunx pubbliku mill-ewwel, kwalunkwe persuna interessata tista' titlob aċċess. Jekk jiġi miċħud l-aċċess fi stadju inizjali, tista' ssir applikazzjoni konfermatorja. Fl-2016, il-Kunsill irċieva 2 342 talba inizjali għal aċċess għal dokumenti u 24 applikazzjoni konfermatorja, li jeħtieġu l-analiżi ta' 10 232 dokument. Ingħata aċċess sħiħ għal 7 307 dokument (li minnhom 7 273 fl-istadju inizjali) u aċċess parzjali għal 556 dokument (501 fl-istadju inizjali). Aktar minn 76% tad-dokumenti li ntalab aċċess għalihom inħarġu b'mod sħiħ, u aktar minn 82% b'mod sħiħ jew parzjalment.



Għal xi dokumenti l-aċċess għie miċħud fuq il-bażi ta' raġunijiet leġittimi spjegati fir-regolament tal-UE dwar aċċess għal dokumenti. Dawn jinkludu b'mod partikolari l-bżonn li jiġiharsu l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill u l-interess pubbliku b'rabta mar-relazzjonijiet internazzjonali u s-sigurtà pubblika.

- [Rapport tal-2016 tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-dokumenti](#)
- [Fittex fir-reġistru pubbliku](#)
- [Itlob dokument](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press